## L-GHANJA TA' L-EMIGRANTI MALTIN

*Is-sliem...*
*Is-sliem għalik,*
*O Malta, Art tagħna,*
*Il-bogħ'd, il-bogħ'd minn ħdanek*
*Aħna sejrin...*
*Is-sliem għalikom,*
*Qaliet, wileġ ħadrana,*
*Għelieqi, iġbla w widien...*

*Is-sliem għalikom,*
*O swar ta' La Valletta,*
*U bliet setgħana,*
*Irħula għażiża w knejjes,*
*Festi tal-Qaddisin...*

*Aħna sejrin*
*Lejn xtut għariba, mbiegħda,*
*Lil-hinn mix-xefaq aħmar,*
*Is-sliem... is-sliem...*

*Malta Ħanina,*
*O nieqa ta' ħajjitna,*
*Aħfrilna,*
*Aħna sejrin...*
*San Pawl, id-Din li tajtna*
*Jibqa' fina*
*Mad-Demm w l-Ilsien*
*Li rdajna*
*Minn sider ommijietna...*

*Berikna,*
*O Kewkba tal-Baħħara,*
*F'dis-safra tagħna...*
*Is-sliem, O Malta, is-sliem...*

Ramle-Israel – 1967

Fr. JOSEPH CREMONA, O.F.M.